# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 1855

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2386/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Joseph Johan Manicaro (574477M)**

**vs**

**Maltapost plc (C 22796)**

**dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi inġusta.**

Illum 13 ta' Mejju 2008

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni tar-rikorrenti Joseph Johan Manicaro pprezentata fir-Registru tal-Qorti fis-27 ta' Lulju 2006, u ffirmata mill-avukat Matthew Brincat u l-prokuratur legali Madeleine Firman.

DIKJARAZZJONIJIET

Fid-Dikjarazzjoni msemmija Joseph Johan Manicaro, minn issa msejjah ir-rikorrent, jiddikjara li huwa kien beda jahdem mal-kumpanija Maltapost bhala Postal Assistant fil-25 ta' Marzu 1996, u fis-16 ta' Mejju 2006 huwa gie msejjah go kamra fuq ix-xoghol fejn wara li sarulu xi mistoqsijiet dwar il-kontenut ta' borza partikoari ta' l-ittri li kien gabar u wassal huwa stess, u wara li ghamlulu tfittxija, huwa gie infurmat li kien qed jigi investigat fuq serq ta' ittri bi flus go fihom. Kien imbaghad fis-17 ta' Mejju 2006 li gie mgharraf bil-miktub li huwa kien qed jigi sospiz b'effett immedjat ai termini ta' klawsola 7 tal-Ftehim Kollettiv sakemm tintemm l-investigazzjoni relattiva. Imbaghad fis-26 ta' Mejju 2006 il-kumpanija kitbitlu biex tinfurmah li huwa kien qed jitkecca b'effett immedjat ghal ragunijiet ta' dixxiplina, u cioe` fuq ksur tal-

gurament skond l-Att Dwar il-Posta.  Ir-rikorrent talab li jigi dikjarat li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu ma kinitx ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi; li jinghatalu kumpens adegwat, u li l-formula ta' l-ETC tigi korretta skond id-decizjoni.

Ir-Rikorrent ma ressaqx dikjarazzjoni tal-kaz ulterjuri u strah fuq dak li diga' kien dikjarat fl-att promotorju.

Fl-istqarrija tal-kaz taghha tat-23 ta' Awwissu, is-socjeta` intimata rrispondiet li t-tkeccija tar-rikorrenti kienet ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi kif jigi spjegat ahjar waqt is-smiegh tal-kawza. Inghad fis-succint li l-appellant gie investigat wara li numru ta' affarijiet postali kienu gew irrapportati nieqsa. Mill-investigazzjoni rrizulta ghas-sodisfazzjon ta' l-intimata illi l-appellant kien responsabbli ghal tali nuqqas u ghal ksur tal-ligi u tal-gurament tal-hatra li ha l-appellant meta dahal fl-impieg. Tghid li f'cirkostani bhal dawn il-Ftehim Kolletiv jaghti dritt ta' tkeccija sommarja, u ghalhekk it-talbiet ta' l-appellant ghandhom jigu respinti.

PRELIMINARI

Fil-fazi inizjali ta' dan il-kaz, dan it-Tribunal appella liz-zewg partijiet sabiex jesploraw il-possibilita` ta' ftehim bonarju izda dan ma sehhx. Fid-Dikjarazzjoni originali tieghu ir-rikorrent ma qajjem ebda ilment dwar il-procedura adottata mis-socjeta` intimata fit-tkeccija tieghu, izda dan l-ilment tqajjem aktar tard waqt is-smiegh tal-kaz.  Is-socjeta` intimata ma ssollevat ebda eccezzjoni ta' natura preliminari, u ghalhekk tressqu provi fuq il-mertu, u sussegwentement tressqu xi provi dwar il-procedura tat-tkeccija.

IL-PROVI

Is-socjeta` intimata ressqet lil Edwin Mamo li jigi kkuntrattat minnha kull meta jkun hemm htiega ta' investigazzjoni interna. Jghid li fl-2006 kien gie mgharraf mill-kumpanija intimata li sa mill-bidu ta' l-2006 kien qed jidhlulhom kwantita` ta' ilmenti li kartolini mibghuta bil-posta ma kinux qed jaslu fid-destinazzjoni taghhom. Huwa rrediga rapport dwar l-investigazzjoni tieghu u esebixxa kemm dan ir-rapport kif ukoll numru ta' dokumenti ohra li jindikaw fost affarijiet ohra lista ta' 120 ilment maghmula fuq medda ta' ftit aktar minn 4 xhur dwar kartolini li ma waslux fid-destinazzjoni taghhom, liema oggetti postali kollha gew impustati f'kaxxi postali li ingabru mir-rikorrent. Giet prezentata wkoll stqarrija tas-Senior Administrator Charles Pullicino li kkonferma li fil-jum ta' l-investigazzjoni, u cioe` s-16 ta' Mejju 2006 ir-rikorrent cempillu f'xi t-7.55pm biex jinfurmah li infarag; imbaghad fid-9.15pm huwa cempel lura lir-rikorrent li talbu jmur id-dar biex ibiddel il-hwejjeg, u tah dan il-permess. Xhedet Stephania Camilleri il-Human Resources manager tal-Maltapost li tghid li hija wkoll responsabbli mis-security, fejn jghinha l-assistant manager Joseph Farrugia. Dan flimkien ma' Edwin Mamo li jigi sub-contracted investigaw lir-Rikorrent u mir-rapport li ghaddewlha hasset li kien hemm provi biz-zejjed biex tirrakomanda lic-Chief Executive Officer li r-Rikorrent jitkecca bl-applikazzjoni ta' klawsola 8 tal-Ftehim Kollettiv. Hija pprezentat kopja tal-gurament moghti lir-rikorrent, il-ksur ta' liema gurament jaghmel lil klawsola 8 applikabbli. Tikkonferma li kienu qed jidhlu numru ta' ilmenti minn nies differenti li kollha impustaw kartolini fl-akkwata fejn jigbor ir-rikorrent; tghidilna li meta ghal xi zmien ir-rikorrent hareg bl-injury-leave l-ilmenti waqfu, u meta rega' dahal ghax-xoghol l-ilmenti regghu bdew; tghid ukoll li meta tkeccca r-rikorrenti l-ilmenti kontinwi waqfu, ghalkemm seta' sar xi ilment iehor okkazjonalment. Din ix-xhud tirreferi ghal klawsola 8 tal-Ftehim Kollettiv li tghid li jekk in-nuqqas ta' l-impjegat ikun wiehed gravi, huwa jista' jitkecca "immedjatament" u tinterpretaha fis-sens li mhuwiex necessarju li l-impjegat jinghata l-opportunita` jaghti l-verzjoni tieghu. Meta rega' xehed Edwin Mamo, spjega li

l-ilmenti kienu fil-maggor parti mid-distrett li fih jigbor l-ittri r-rikorrent, izda ilmenti ohra minn distretti ohra xorta kien irrizulta li kienu jirreferu ghal kaxxi li gew imbattla mir-Rikorrent.

Xhed imbaghad ir-Rikorrent, li qal li kien ilu jahdem mal-posta iktar minn 10 snin u peress li kien jaf hafna rotot spiss kienu jtuh over-time biex ikopri distretti ohra oltre d-distrett taz-Zejtun li kellu hu. Fil-jum ta' l-incident huwa kien imissu gimgha xoghol fil-ghaxija igifieri mis-6.30pm sal-12.15am. F'gimgha alternattiva jahdem mis-6.30am sas-1.51pm. Dakinhar gabar ic-cwievet mis-Central Mail Room minn kamra jghidulha "gaġġa" u mar jigbor mill-kaxxi tar-rotta ta' Birzebbuga.  Wara li fetah erba' kaxxi infarag u tant beda niezel demm li storda u ma setax ikompli jigbor.  Cempel lil Charles Pullicino li rrakkomandalu jistrieh, u jkompli bix-xoghol meta jkun jista'. Waqaf bil-van tal-posta hdejn pompa tal-petrol ta' Bir id-Deheb u ghamel xi siegha u nofs wieqaf, f'liema hin anke ghaddew u rawh ufficjali ohra tal-posta li ma kienux fuq xoghol.  Imbaghad rega' cempel lil Pullicino u dan wara li kkonsulta ma' xi hadd, aktarx il-manager li jismu Freddie, ma tahx permess jieqaf mix-xoghol izda kellu  jkompli meta jkun jista'.  Jghid li imbaghad kompla u qabel ma dahal lura l-Posta cempel lit-tfajla tieghu biex iggiblu flokk nadif biex ibiddel dak li kellu fuqu mimli demm. Ir-Rikorrent jghid li l-ahhar kaxxa tinsab f'Hal Tarxien u t-tfajla tieghu gabitlu l-flokk minn ghand ommu f'Hal Tarxien stess, u giet iggibulu hdejn il-Bank.  Wara li biddel, mar il-posta u laqghuh Joseph Farrugia, Edwin Mamo u l-manager Freddie, li kkontrollawlu l-borza ta' l-ittri, l-ittri u l-affarijiet personali li kellu fuqu.  Ir-rikorrent jghid li Joe Farrugia spjegalu li dan kienu qed jaghmluh ghax kienu qed isibu l-ittri neqsin, u r-rikorrent avvzah li kien qed jikkonsidra jkellem l-avukat tieghu. Ghal dik il-lejla intbaghat lura ghax-xoghol, izda l-ghada fil-ghodu infurmawh li kien qed jigi sospiz.  Jghid li stenna li ser jitolbuh il-verzjoni tieghu, izda dan ma sehhx u xi granet wara gie infurmat li fil-fatt kien tkecca mix-xoghol.

Ir-Rikorrent jghid li c-cwievet tal-kaxxi postali jinzammu fil-gagga, u kull min hu impjegat tal-posta seta' jaqbad u jidhol fil-gagga u jiehu liema cwievet irid.

Kien hemm ukoll master-keys li jaqblu ma diversi kaxxi, u jispjega wkoll li l-pustiera jkollhom cavetta taqbel ma' certi kaxxi sabiex ikunu jistghu jiddepozitaw jew jigbru l-pouches taghhom. A kuntrarju ta' dak li xhed qabel, u cioe` li s-sur Farrugia spjegalu li kienu qed isibu l-ittri neqsin u li hu (ir-rikorrent offrielhom li jfittxulu fuqu, fil-pouch u gol-karozza - folio 116), ir-rikorrent in kontroezami imbaghad jghid (folio 123) li meta kienu qed ifittxulu ma kienx jaf x'gara u "lanqas kellimthom biss". Jghid li fil-jiem ta' qabel kien sab ittri ma' l-art fit-triq hdejn kaxxa ta' l-ittri, jghid li sab kaxxa miftuha, u jghid li rraporta li kienu skussawlu l-locker tax-xoghol, izda ma ttiehdu ebda passi dwar dan; ix-xhud esebixxa ritratti ta' dawn. Ittella' imbaghad Patrick Pollidano li kkonferma li fil-jum in kwistjoni kien ra lir-rikorrent fil-van wara li nfarag, izda telaq minn fuq il-post ghax dan qallu li kien ghaddielu. Skond dan ix-xhud dak il-hin kien ghadu d-dawl, u dan fis-16 ta' Mejju. Hawnhekk it-Tribunal jinnota li f'dan iz-zmien tas-sena, li hu z-zmien li fih qed tinghata din id-decizjoni, fit-7.55pm ikun qed jidlam u sat-tmienja u kwart ikun prattikament dalam. Dan ix-xhud jghid li ma rax demm niezel imma r-rikorrent kien b'maktur f'idu u qallu li kien infarag. Xhed imbaghad Jeremy Camilleri li f'dak l-istess hin kien ra lir-rikorrent wieqaf bil-van tal-posta, u jikkonferma li ra lir-rikorrent bil-flok kollu demm u ssuggerielu jbiddel il-flokk. Jghid li l-gagga ma kienux isakkruha u kien ilmenta mas-superjuri tieghu li kamra hekk kellha tinzamm imsakkra: imbaghad din bdiet tissakkar. Jghid ghalhekk li c-cwievet kellu access ghalihom kulhadd, izda imbaghad bdiet tissakkar. Jghid li l-pustiera li jqassmu ukoll ikollhom cavetta tal-kaxxa ta' l-ittri, imma tal-bieba t'isfel: certi serraturi jkollhom cwievet jaqblu.

<u>KONSIDERAZZJONJIET</u>

In rigward tal-mertu l-ewwel indagni li trid issir hija jekk il-provi li kellha f'idejha l-intimata kienux biz-zejjed biex ikollha dik ic-certezza li r-rikorrent kien jahti ghas-serq ta' kartolini. Il-provi mhumiex skjaccanti bhal ma kien ikun il-kaz kieku instabu l-kartolini jew il-flus fil-pussess tar-rikorrent.

Madankollu l-investigaur imqabbad mill-kumpanija intimata jghid li mar jimposta 66 kartolina fuq ir-rotta tar-rikorrent bejn l-4.15pm u s-6.50pm., mentri r-rikorrent jghid li f'xi s-6.50pm kien diga' wasal biex jigbor mill-ewwel kaxxa, ghalkemm stenna s-7.00pm idoqqu. Dan ifisser li l-hin bejn il-mument li Mamo imposta l-kartolini u l-mument meta dawn ingabru jew suppost kellhom jingabru kien qasir wisq biex wiehed jipponta sebghu lejn terza persuna. Ir-rikorrent gab provi li c-cwievet tal-kaxxi ma jinzammux fis-sikur, u l-fatt li diversi cwievet jaqblu ma' xulxin jaghti lok ghal abbuz. Dawn huma nuqqasijiet deplorevoli da parti tal-kumpanija intimata, izda xorta jibqa' l-fatt li jekk terza persuna thajret tabbuza, l-ewwel nett kien jehtigilha tigbor l-ittri tal-kaxxi kollha, taghzel il-kartolini, u tirritorna l-ittri lura fil-kaxxi. Il-hin kien ristrett wisq biex tigi accettata tezi ta' intervent ta' terza persuna, u ghalhekk din qed tigi skartata.

Imbaghad ir-rikorrent bhal jissuggerixxi li seta' kien il-kaz li s-sur Mamo ma mpustax is-66 kartolina. Ghalkemm ebda tezi ma tista' tigi skartata fuq fiducja assoluta f'persuna partikolari, ir-rikorrent qatt ma lmenta li kellu xi problema mas-sur Mamo jew ma' xi ufficjal iehor tal-posta, u frankament dan it-Tribunal ma jistax jara x'interess jista' jkun hemm minn naha ta' dawn biex joholqu tracci ta' reat kontra r-rikorrent. Ir-rizultat tas-sur Mamo hu korroborat bix-xhieda ta' Stephania Camilleri li tghid li fiz-zmien li r-rikorrent kien wieqaf mix-xoghol, is-serq tal-kartolini waqaf, imbaghad rega' beda meta r-rikorrent rega' dahal ghax-xoghol. Is-serq rega' sar negligibbli meta r-rikorrent tkecca mix-xoghol. Wiehed isib korroborazzjoni wkoll fl-ilment imressaq mill-Kunsill Lokali ta' Birzebbuga, u ghalhekk dan it-Tribunal huwa konvintissmu li s-sur Mamo u l-ufficjali tal-Posta involuti kienu genwini u ghamlu xogholhom fl-interess tal-Posta u tas-socjeta` Maltija. In oltre dan it-Tribunal jinnota li x-xhud prodott mir-rikorrent Patrick Pollidano jghid li sa minn qabel ma dalam (allura qabel it-8.00pm) ir-rikorrent kien diga' qallu li kien ghaddielu, mentri skond stqarrija ta' Charles Pullicino (folio 24 u 56) sad-9.15 ir-rikorrent kien ghadu qed jghid li kien stordut u li ried imur id-dar. Is-sur Pullicino jghid li tah permess imur id-dar, mentri r-rikorrent jghid li kif wasal Hal Tarxien, vicin tad-

dar t'ommu, flok qabad u dahal ghand ommu kif kellu permess jaghmel, talab lit-tfajla tieghu tmur iggiblu flokk hi m'ghand ommu. Dan mhux xejn kredibbli: it-Tribunal jifhem li bhala fatt ir-rikorrent mar id-dar biex ibiddel, u meta kien hemm seta' iddispona minn oggetti postali li kellu fil-pussess tieghu. Ma jidhirx li l-istqarrija ta' Charles Pullicino hija kkontestata: ir-rikorrent ghazel li ma jressaqx lil Pullicino (seduta tat-12 ta' Frar 2008). Ghalhekk dan it-Tribunal jaqbel li r-rikorrent kien jahti ghat-tehid tal-kartolini.

Jibqa' imbaghad il-kwistjoni tal-procedura adottata mill-intimata sabiex tkecca r-rikorrent. Il-konsulenti legali tal-partijiet ghamlu referenza ghall-ftehim kollettiv applikabbli fejn taht is-sezzjoni intestata **Disciplinary Procedure** gew elenkati numru ta' proceduri li huma applikabbli meta xi impjegat tal-Posta allegatament jikkommetti xi nuqqas. Jinghad li:

> "*The application of discipline has to be done within a framework of justice both in the interest of the alleged offender and also of the fellow workers who would directly or indirectly feel the negative effect of such mis-behaviour. Consequently, the employee concerned shall be given the opportunity to put his case forward.*"

Imbaghad insibu s-segwenti tliet klawsoli pertinenti:

> *"1. No disciplinary measure shall be taken against an employee prior to the application of this procedure."*
>
> *"5. Breach of any part of this code of Behaviour or any other breach not included in this Code but which behaviour can be deemed as inappropriate and which occurs during the execution of his duties, will expose the employee to disciplinary measures as listed in this schedule: …"*
>
> *"8. Apart the legal responsibility that an individual would expose himself to if there is a breach of the oath taken in accordance to the Post Office Act, the employee will be immediately dismissed from his employment.*"

Mhuwiex kompitu ta' dan it-Tribunal li jindaga gewx kommessi reati skond Artikoli 73, 74 jew 75 ta' l-Att Dwar is-Servizzi Postali (Kap 254), izda huwa

evidenti li din it-tkeccija hija bbazata fuq ksur tal-gurament minn ufficjal tal-posta, u din hija raguni valida ghal tkeccija minghajr warnings.

L-abbli difensur tal-kumpanija intimata jargumenta li "*will be immediately dismissed*" ghandha tinftihem li t-tkeccija ssehh minghajr htiega ta' smiegh da parti ta' l-impjegat, mentri l-abbli difensur tar-rikorrent jargumenta li bhal ma jinghad fid-Decizjoni numru 987 ta' dan it-Tribunal diversament kompost (David Mangion vs Melita Cable Television Ltd tas-16 t'a Novembru 1998) impjegat li jkun ser jitkecca dejjem ghandu jinghata l-opportunita` jaghti l-verzjoni tieghu. Dan it-Tribunal jikkonferma li l-principju ta' l-*audi alteram partem* ghandu jigi prattikat f'kull process minghajr eccezzjoni. F'dan il-kaz tal-lum dan huwa sottolineat anke b'dak li jinghad fil-Fetehim Kollettiv hawn fuq citat. Jigi notat li paragrafi 5 u 8 jaghtu lista ta' mizuri dixxiplinari applikabbli skond il-kaz: fil-waqt li n-nuqqasijiet li jaqghu taht paragrafu 5 ma jippermettux tkeccija immedjata, in-nuqqas imsemmi f'paragrafu 8 (ksur tal-gurament) jaghti lok ghal tkeccija immedjata. B'daqshekk ma jfissirx li l-impjegat ma jinghatax opportunita` jressaq il-kaz tieghu.

Ghalhekk fil-waqt li hawnhekk irrizulta li l-kumpanija intimata kienet gustifikat tittermina l-impieg tar-rikorrent, fil-process hija kisret ir-regoli procedurali ta' dixxiplina. Il-kumpanija intimata ma naqsitx lejn l-impjegat in kwantu din keccietu, izda naqset fil-konfront tieghu bil-mod li bih keccietu; mod li seta' ta lok ghal decizjoni zbaljata kieku r-rikorrent gab spjegazzjoni jew alibi li jiskulpah minn kull nuqqas. Ghal dan in-nuqqas da parti tal-kumpanija intimata, dan it-Tribunal iqis li r-rikorrent ghandu jigi kkompensat b'mod nominali.

<u>DECIZJONI</u>

Ghaldaqstant, wara li ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddikjara li t-tkeccija ta' Joseph Johan Manicaro kienet gustifikata. Madankollu l-procedura adottata ghat-tkeccija kienet bi ksur ta' principju tal-

gustizzja naturali u tal-Ftehim Kollettiv u ghalhekk hemm lok li jinghata rimedju kompensattiv ta' natura nominali. Dan l-ammont qieghed jigi stabbilit fl-ammont ta' tliet mitt Euro (€300), liema kumpens ghandu jithallas mis-socjeta` intimata lir-Rikorrent f' erbghin jum. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' disghin Euro (€90.00). B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Dr Leslie Cuschieri**
Chairman

Segretarju